# EMANUEL AGIUS (11.12.1911-29.11.1993)



Dr Emanuel Agius jidher f'ritratt tal-Passaport meta kellu 33 sena fl-1944 (c) Arkivju Nazzjonali, Rabat, Malta

Emmanuele Agius twieled fl-Imsida, iben Arcangelo Agius u Ġużeppa Borg. Missieru kien Spiżjar u wieħed mill-Fundaturi tal-Moviment tal-Esperanto f'Malta. Ommu kienet mara tad-dar. Huwa tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp tal-Imsida u ngħata l-ismijiet ta' 'Emmanuele, Giuseppe, Michele, Giulio'.

Emmanuele (jew aħjar Emanuel kif huwa stess kien urih fil-pubbliku) kien influwenzat ferm minn missieru Arcangelo kemm mill-aspett akkademiku u kemm minn dak professjonali.

Huwa kien xprunat sa minn ċkunitu biex ifittex it-tagħlim u jisseddaq fl-għarfien sew xjentifiku sew umanistiku.

Emanuel studja fis-St Paul's School, fil-Belt Valletta (1922-27) u mbagħad fl-Università ta' Malta (1927-34) mnejn huwa ggradwa fil-Farmaċija (Ph.C.) (1930), fil-Baċċellart fix-Xjenza (B.Sc.) (1.10.1931), kif ukoll fil-Mediċina (M.D.) (1.10.1934).

Sussegwentement, huwa ssokta bl-istudji tiegħu fl-Universitajiet ta' Liverpool u ta' Londra mnejn huwa kiseb il-Diploma in Public Health (1937) u d-Diploma in Bacteriology (1938) rispettivament.

Huwa dlonk stabbilixxa lilu nnifsu bħala punt ta' referenza fil-Batterjoloġija f'art twelidu.

Emanuel Agius daħal fis-Servizz Governattiv u dikment ingħata pożizzjonijiet importanti fil-qasam tal-Batterjoloġija. Huwa kien maħtur Uffiċjal Mediku Residenti (1934-36) u, wara li speċjalizza fil-Mikrolbioloġija, kien appuntat Assistent Batterjologu (1938-51) u Batterjologu Anzjan sakemm huwa rtira mid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa (1952-75) li fih ħadem għal ftit aktar minn 40 sena.

Sadanittant, huwa nħatar Lettur Proviżjonali fil-Batterjoloġija u fil-Parasitoloġija (1948) sa mill-introduzzjoni tas-suġġett fil-kurrikulu tal-istudji fl-Alma Mater.

Huwa kien immedjatament mogħti l-post ta' Lettur b'mod permanenti fl-istess tematika b'effett mid-9 ta' Novemberu 1949.

Huwa kien mistieden mill-British Council ta' Malta biex jagħmel żjarat ta' studju f'laboratorji u f'istituti f'Londra, fl-Ingilterra.

Huwa serva ta' Aġent Professur fil-Patoloġija (1949-53) u Lettur fix-Xjenza Ġenerali (1966) fl-Università ta' Malta. Barra minn hekk, huwa kien membru fil-Bord tal-Fakultà kif ukoll fis-Senat meta dawn ħadu deċiżjonijiet importanti li permezz tagħhom il-qasam akkademiku fil-mediċina u fil-kirurġija twessa' u baqa' jaġġorna l-ħin kollu skont l-iżviluppi xjentifiċi, tekniċi u teknoloġiċi.

Dr Agius kien fundatur u membru attiv bil-bosta fil-Kumitat tal-British Medical Association (Malta Branch) f'liema żmien huwa okkupa għadd ta' karigi uffiċjali (1939-46). Aktard tard, huwa kien Chairman (inkella President) għal *numru ta' snin* (1947-1948, 1955-1956 u 1960-1961) u Viċi-Chairperson (1967).

Huwa ta servizz li kien rikonoxxut meta kien elett Fellow tal-Assoċjazzjoni fl-ewwel laqgħa transnazzjonali li organizzat f'Malta fl-1969.

Dr Agius attenda Kungressi tal-Mikrobiologi f'Copenhagen fl-1947 kif ukoll f'Ruma fl-1953. Huwa ħa sehem *ukoll f'meetings mediċi* internazzjonali.

Huwa kien il-persuna ewlieni f'Malta li kien ikun konsultat u afdat mit-tmexxija tas-settur mediku milqut kull meta pajjiżu kellu jħabbat wiċċu ma' epidemiji jew stati ta' emerġenza għas-saniità pubblika minn żmien għal ieħor.

*Huwa kien is-Superintendent* tal-Isolation Hospital għal tliet xhur meta faqqgħet imxija tal-pesta matul dak il-perjodu fl-1935.

Inevitabilment, hu kien is-Supretendent Mediku tal-Mater Boni Consilii Emergency Hospital u tal-Birkirkara Emergency Hospital filkors tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Huwa kien profondament kommess meta l-Gvern wettaq sforzi biex jiġġieled it-tifqigħat tat-tifojde fl-1942 u tal-poljo fl-1943.

Fl-aħħar u mhux l-anqas, huwa kien involut fit-testjiet tal-laboratorju meta l-istess epidemiji għollew rashom fl-1944-45.

Dr Agius issemma fl-lista tal-persuni li kienu nominati biex minnhom jintgħażlu l-membri tal-Kunsill tal-Gvern li kien kostitwit u kompost wara li l-Gvern Ingliż irrevoka l-Ittri Patenti Kostituzzjonali tal-1947 u rritorna lil Malta taħt il-Kuruna Kolonja fl-1958.

Huwa ngħata kunsiderazzjoni mill-Uffiċċju Kolonjali f'Londra, l-Ingilterra, u kien trattat bħala Batterjologu Anzjan ta' reputazzjoni fid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa u bħala personalità li kienet interessata fl-affarijiet pubbliċi li kien organizza Brains Trusts u dibattiti fil-British Institute. Madankollu, huwa ma ntgħażilx uffiċjalment.

Dr Agius kien l-awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet u kiteb bosta papers xjentifiċi fuq is-suġġett ta' speċjalizzazzjoni.

Huwa kien l-ewwel editur tas-St Luke's Hospital Gazette mill-1966 sal-1975.

Huwa kien ukoll assoċjat mill-qrib mal-Institut Pasteur de Tunis et d'Algerie li miegħu żamm f'kuntatt.

Huwa kien mitlub jinnomina kandidat għall-Premju Nobel għall-mediċina fl-1953.

Huwa kien Ko-Fundatur u Fellow tar-Royal College of Pathologists fl-1964.

Huwa għajjex f'moħħu l-idea li jwaqqaf il-Kulleġġ wara li kien ippartecipa fil-kungressi mondjali u wara li kien bena rabtiet sodi mal-Afrika ta' Fuq.

Dr Agius kien ukoll pijunier u membru attiv fil-Kumitat tal-British Culture Association u tal-Malta Cultural Institute.

Il-kontribut letterarju tiegħu ntgħaraf wara li tabagħ xogħlijiet fil-Journal of the Malta University Literary Society, f'The Sundial, f'Il-Malti, kif ukoll f'Leħen il-Malti.

Infatti, huwa kiteb artikli ta' natura storika iżda ħalla warajh ukoll damma ta' poeżiji u drammi qosra.

Huwa kkompona versi bl-isem 'Għomor ta' Bniedem' fl-1966 li għamlu ħoss, tant, li kellu rispons sabiħ għaliex irċieva għadd ġmielu ta' ittri ta' kongratulazzjoni.

Huwa kien saħansitra Chairman tal-Malta Geographical Society għal ħafna snin sa mill-1967.

Dr Agius kien ultra-Imperialist u kien iżomm il-Union Jack fil-Laboratorju personali. Oħtu May ħadmet bħala Segretarja ma' Strickland House fil-Belt Valletta.

Huwa kien soċju fil-Każin Malti (1852) kif ukoll fl-Union Club u kellu namra kbira għall-qari, għall-kitba kif ukoll għall-vjaġġar.

Huwa għex ma' ħutu għożżieba f''Clovermead', f'The Gardens, San Ġiljan, għal ħafna snin.

Madankollu, huwa fl-aħħar ta' ħajtu rtira f'Casa Arkati, fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, fejn huwa miet għażeb fl-età ta' 81 sena. Huwa ndifen fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'Raħal Ġdid.

Dr Emanuel Agius kien affezzjonament magħruf b'ħafna denominazzjonijiet iżda kien misjub l-aktar bħala 'Il-Mikrobu', b'affezzjoni u b'rispett, iżda l-aktar għaliex kien jippossiedi għerf mediku mill-aktar straordinarju.

Ħutu John u May preżentaw portrait tiegħu ta' Raymond Pitrè lill-Fakultà tal-Mediċina u tal-Kirurġija fl-Università ta' Malta. Huma regalaw il-pittura lill-Professur Frederick Fenech fil-kapaċità tiegħu ta' Dekan f'isem l-Iskola Medika fil-preżenza tal-Professur John Rizzo Naudi, Kanċillier tal-istess Alma Mater, u ta' bosta kollegi, ta' ħbieb u ta' ex-studenti.

Il-familjari tiegħu ħasbu wkoll li jagħmlu donazzjoni tal-papers akkademiċi ta' ħuhom lill-Mużewijiet u lill-Kumitat tal-Fakultà tal-Mediċina u tal-Kirurġija tal-Università ta' Malta u bis-saħħa t'hekk għenu biex sar katalgu tagħhom qabel ma kienu depożitati għar-riċerkaturi u għall-istudjużi fis-Sezzjoni tal-Arkivju fil-Librerija tal-istess Alma Mater.

Dr Agius ingħata aktar għarfien speċjalment fost



Portrait mill-artist Raymond Pitrè li jifforma parti mill-Fakultà tal-Mediċina u tal-Kirurġija fl-Iskola Medika tal-Università ta' Malta (c) Il-Fakultà tal-Mediċina u tal-Kirurġija, fl-Università ta' Malta

il-ġenerazzjonijiet ta' kollegi u fost il-poplu nġenerali li ġew warajh billi l-familja immedjata tiegħu b'ġest nobbli *konfermat il-kontribut kbir li* huwa kien ta lil art twelidu u li ħareġ ċar mill-ġabra kbira ta' transcipts oriġinali li huwa stampa, minn kważi 40 lec*ture li huwa ta u li baqgħu* inediti, u saħansitra mis-sensiela ta' poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż kif ukoll mid-drammi qosra li niseġ matul is-snin.

Dr Emanuel Agius reġa' tfakkar mill-istoriku mediku l-Professur Charles Savona-Ventura billi bl-aktar mod awtorevoli xandar il-Biblijografija sħiħa tiegħu permezz ta' pubblikazzjoni blappoġġ tal-Fakultà tal-Mediċina u tal-Kirurġija tal-Università ta' Malta.

## Manuskritti:

Lectures: B.C.G. Vaccination; Medicines and Malta; Antibiotics; The History of Medicine in Malta; The Wisdom of G.K.Chesterton.

*Lectures on Bacteriological Warfare to Civil Defence Courses*

## Selezzjoni ta' Pubblikazzjonijiet:

1943: Acute anterior Poliomyelitis, with J.E. Debono, P.P. Debono, C. Coleiro, T.A.B. Inoculation.

1945: 'The prevention of Human Brucella Infection in Malta', Archives de L'Institut Pasteur d'Algerie, XXIII/2 (June);

1946: The French School of Bacteriology, Institut Pasteur d'Algerie;

1953: Bis-Saħħa Tiegħek – Ġrajja tal-Mediċina fil-Qosor (Università Rjali ta' Malta);

1955: Mycobacterium fortuitum, with A.Q. Wells, N. Smith, American Review of Tubercolosis and Pulmonary Diseases, LXXII;

1956: 'An uncommon Pathogenic Mycobacterium', Archives de L'Institut Pasteur de Tunis, n. 2 (June).

1962: 'The action of Penbritin on Brucella microganisms', with J. Mifsud, Archives de L'Institut Pasteur (Tunis) XXXIX, 'A comparative study of the action of demethylchloretracycline and tetracyclyne hydrochloride on Brucella Melitensis', Archives de L'Institut Pasteur de Tunis, XXXIX;

'Further comparative studies on the action of Demethychlortetracycline and of tetracycline hydrochloride on *Brucella Melitensis* and on Salmonella Typhi', Archives de L'Institut Pasteur de Tunis, XXXIX;

1963: Ix-Xjenza fil-ħajja ta' kuljum (Dipartiment tal-Informazzjoni, Malta);

1978: 'P.P. Debono - a man of courage and prudence' Sunday Times of Malta (25.i.1978, 5, 12.ii.1978);

1990: A Random Collection: 2 one-act plays, 9 poems in English, and 33 poems in Maltese (The author)

## Biblijografija:

Reġistru Pubbliku, Valletta, Malta, Twelidijiet 6423/ 1911, u Mwiet 5/1994; Arkivju Nazzjonali, Rabat, Malta, Applikazzjoni għall-ħruġ ta' Passaport 28994/1944; Malta Who's Who. A Biographical Dictionary 1964/1970, 1987 (Progess Press Co. Ltd., 1964/70, 1987); Gaston Tonna-Barthet, Maltese Poets of the XX Century (Malta Cultural Institute, 1968); Pietru P. Saydon, Ġuże, Aquilina, Ward ta' Qari Malti (A.C.Aquilina & Co., Malta, 1972); Michael Galea, Dizzjunarju *ta' Kittieba Maltin u Għawdxin*. Il-Bieraħ u LLum (Pubblikazzjoni Bugelli, 1995); Oliver Friggieri, Il-Poeżija Maltija – Antoloġija (Malta University Publishers, 1997); Michael J.Schiavone, Louis J. Scerri, Maltese Biographies of the Twentieth Century (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997); Karmenu Vassallo, Vatum Consortium (Dar ta' San Ġużepp, 1968); 'Portrait of bacteriologist presented to Medical School, The Times (20.xi.1995); Joe Calleja, Dizzjunarju tal-Misidjani (Veritas Press, Żabbar 2001); Joseph M.Pirotta, Fortress Colony: the Final Act 1945-1964. Vol.III 1958-1961 (Studia Editions, 2001); Michael J.Schiavone, Dictionary of Maltese Biographies (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009); Dr Vincent Tabone President Emeritus of Malta kommunikazzjoni personali (23.ii.2006); Ms.Ileana Curmi, kommunikazzjoni personali (24.ii.2006); Charles Savona-Ventura, Dr Emmanuel Agius, A Bibliography (Universitas Studiorum Melitensis Medicinae Chirurgiaeque Facultate, 2006)



Ritratt storiku li juri l-grupp ta' gradwati fil-mediċina (M.D.) mill-Alma Mater fl-1934. Dr Emanuel Agius jidher l-ewwel fuq ix-xellug bilwieqfa fuq wara. (c) Prof. Raymond Mangion